



Brussell, 22 ta' Jannar 2019
(OR. en)

5601/19

ECOFIN 51
UEM 16
SOC 33
EMPL 26
COMPET 57
ENV 64
EDUC 21
RECH 45
ENER 28
JAI 45

EŻITU TAL-PROĊEDIMENTI

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
lil:	Delegazzjonijiet
Nru. dok. preċ.: 5095/19	
Suġġett:	Semestru Ewropew 2019 - Stħarriġ Annwali dwar it-Tkabbir: Gwida Makroekonomika u Fiskali għall-Istati Membri – Konklużjonijiet tal-Kunsill ECOFIN

Id-delegazzjonijiet isibu fl-anness il-konklużjonijiet tal-Kunsill dwar l-Istħarriġ Annwali dwar it-Tkabbir 2019, adottati mill-Kunsill fit-3699 laqgħa tiegħu li saret fit-22 ta' Jannar 2019.

SEMESTRU EWROPEW 2019:
GWIDA MAKROEKONOMIKA U FISKALI GĦALL-ISTATI MEMBRI

– Konklużjonijiet tal-Kunsill ECOFIN –

Il-Kunsill (ECOFIN):

I. IS-SEMESTRU EWROPEW 2019

1. JILQA' l-Istħarriġ Annwali dwar it-Tkabbir (SAT) 2019 tal-Kummissjoni, li jistabbilixxi l-prijoritajiet ta' politika għat-tkabbir u l-impjiegi fl-UE u l-Istati Membri tagħha, u jimmarka l-punt ta' tluq tas-Semestru Ewropew 2019. JIKKONDIVIDI B'MOD ĠENERALI l-analiżi tal-Kummissjoni tal-prijoritajiet ta' politika li fuqhom għandhom ikomplu jikkonċentraw l-isforzi nazzjonali u daww fil-livell tal-UE fl-2019: li jitwassal investiment ta' kwalità għolja, li l-isforzi ta' riforma jiffukaw fuq it-tkabbir tal-produttività, l-inklużività u l-kwalità istituzzjonali, u l-iżgurar ta' stabbiltà makroekonomika u finanzi pubbliċi sodi.
2. JIKKONDIVIDI l-valutazzjoni tal-Kummissjoni li r-ritmu tat-tkabbir tal-ekonomija tal-Ewropa naqas u huwa mistenni li jonqos aktar filwaqt li jibqa' pożittiv. It-tkabbir tal-PDG huwa msejjes fuq bażi wiesgħa fost l-Istati Membri u ssoktat il-konverġenza reali. L-impjiegi jinsabu fl-livelli rekord u l-qgħad qed jonqos, id-defiċits tal-gvernijiet nazzjonali fil-biċċa l-kbira tagħhom marru lura għal-livelli ta' qabel il-kriżi u d-diskrepanza fl-investiment li għabt magħha l-kriżi issa kważi nqas. Fl-istess ħin, id-dejn pubbliku għadu għoli, u r-riskji għall-prospett ekonomiku huma sostanzjali u fil-biċċa l-kbira b'orjentazzjoni negattiva.
3. JIKKONDIVIDI l-valutazzjoni tal-Kummissjoni li ċ-ċittadini u l-pajjiżi kollha għadhom mhux qed igawdu bl-istess mod mit-tkabbir tal-ekonomija u t-tkabbir jibqa' vulnerabbli għall-instabbiltà globali u għall-isfidi fuq terminu medju sa twil. JAPPELLA lill-Istati Membri biex jibnu buffers, b'mod partikolari f'pajjiżi b'livell għoli ta' dejn pubbliku, u biex irawmu r-reżiljenza u l-potenzjal għat-tkabbir tal-ekonomiji tagħhom. Xi Stati Membri għadhom qed jesperjenzaw livell għoli ta' qgħad b'introjtu tal-unitajiet domestiċi li jinsabu taħt il-livelli ta' qabel il-kriżi filwaqt li oħrajn qed ibatu minn sottoimpjieg jew nuqqas ta' hili.

4. JISĦAQ li l-implimentazzjoni tar-riformi tibqa' fuq livelli differenti madwar l-UE u li prijoritajiet ekonomiċi u soċjali urġenti, inkluż dawk stabbiliti permezz tal-prinċipji tal-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali, jirrikjedu progress deċiżiv fl-implimentazzjoni ta' riformi nazzjonali biex jindirizzaw l-isfidi strutturali tal-UE. JAPPELLA lill-Istati Membri biex jieħdu vantaġġ mill-klima ekonomika relattivament favorevoli biex imexxu 'l quddiem ir-riformi strutturali biex jissaħħaħ it-tkabbir sostenibbli u bbilanċjat, jiġu indirizzati l-iżbilanċi makroekonomiċi, u titwettaq il-konverġenza ekonomika u soċjali sostnuta.
5. JISSOTTOLINJA l-importanza tal-monitoraġġ tal-prestazzjoni u l-implimentazzjoni tal-politika, inkluż l-implimentazzjoni tar-rakkomandazzjonijiet speċifiċi għall-pajjiżi, matul is-sena kollha. JISTENNA B'INTERESS diskussjoni sinifikanti fil-Kunsill f'Marzu 2019 dwar l-implimentazzjoni tar-rakkomandazzjonijiet speċifiċi għall-pajjiżi b'attenzjoni fuq l-isfidi ekonomiċi u soċjali ewlenin, inkluż il-produttività u l-isfidi u l-ħtiġijiet ta' investment.
6. JIRRIKONOXXI r-restrizzjonijiet partikolari ta' ħin għall-qbil dwar ir-Rakkomandazzjonijiet speċifiċi għall-pajjiżi 2019, iżda JAPPELLA, għall-adozzjoni bikrija f'Mejju tal-proposti tal-Kummissjoni sabiex jiġi żgurat Semestru Ewropew multilaterali ġenwin u sjieda nazzjonali ta' rakkomandazzjonijiet imsejsin sew.

II. ORJENTAZZJONIJIET TA' POLITIKA FISKALI U MAKROEKONOMIKA

IT-TWASSIL TA' INVESTIMENT TA' KWALITÀ GĦOLJA

7. JIRRIKONOXXI li l-investment jista' jgħin biex jintlaħaq l-oġettiv tal-UE li nimxu lejn ekonomija ċirkolari b'livell baxx ta' karbonju. JAQBEL li t-tkabbir ekonomiku attwali għandu jintuża biex jiġi antiċipat l-investment fil-modernizzazzjoni u d-dekarbonizzazzjoni tal-industrija, it-trasport u s-sistemi ta' enerġija tal-Ewropa u fl-istess waqt jitnaqqas l-impatt ambjentali tagħhom u jsir investment fl-edukazzjoni, it-taħriġ u l-ħiliet. JENFASIZZA li l-isforzi għandhom jiffukaw fuq it-titjib tal-klima ta' investment u l-investment immirat tajjeb għandu jmur id f'id ma' sett ta' riformi strutturali mfassal sew.

8. JIEĦU NOTA tal-proposti tal-Kummissjoni għall-Qafas Finanzjarju Pluriennali tal-UE li jmiss u l-għan li jitwassal aktar investiment u investiment aħjar mill-awtoritajiet nazzjonali u s-settur privat. Peress li l-investiment immirat tajjeb huwa mutur ewlieni għat-tkabbir tal-UE, JILQA' l-fatt li l-Kummissjoni għandha l-għan li s-Semestru Ewropew 2019 jikkonċentra aktar fuq il-valutazzjoni tal-ħtiġijiet ta' investiment biex jiggwidaw id-deċiżjonijiet ta' programmazzjoni għall-perijodu 2021-2027. JISTIEDEN lill-Kummissjoni biex tipprovdi din l-analiżi b'mod sistematiku u fi djalogu mal-Istati Membri kollha.

L-IFFUKAR TAL-ISFORZI TAR-RIFORMI FUQ IT-TKABBIR TAL- PRODUTTIVITÀ, L-INKLUŻIVITÀ U L-KWALITÀ ISTITUZZJONALI

9. JILQA' l-iffukar fuq prestazzjoni aktar b'saħħitha tal-produttività bħala ċ-ċavetta għall-prosperità futura tal-Ewropa. JISĦAQ fuq ir-rwol kruċjali ta' tkabbir tal-produttività aħjar għal tkabbir ekonomiku sostnut tal-Ewropa, iżda JENFASIZZA li għad hemm differenzi konsiderevoli fil-prestazzjoni tal-produttività fost l-impriżi, ir-reġjuni u s-setturi tal-UE, partikolarment fis-settur tas-servizzi, fejn it-tkabbir tal-produttività mhux qed iżomm il-pass mal-kompetizzjoni internazzjonali. JIKKONDIVIDI l-analiżi tal-Kummissjoni li istituzzjonijiet pubbliċi bi prestazzjoni tajba jikkontribwixxu għal aktar tkabbir, huma prekondizzjoni importanti għat-twettiq b'suċċess ta' riformi oħra, u huma ġeneralment assoċjati ma' produttività ogħla.
10. JIRRIAFFERMA li s-suq uniku Ewropew għall-oġġetti u s-servizzi jibqa' l-aktar strument b'saħħtu għat-tkabbir u l-impjiegi, u l-ħidma ulterjuri fuq is-Suq Uniku, inkluż is-Suq Uniku Diġitali, l-Unjoni Bankarja, l-Unjoni tas-Swieq Kapitali u l-Unjoni tal-Enerġija għandha tkun il-prijorità komuni tal-UE. Prodotti u servizzi li jiffunzjonaw tajjeb huma mutur ewlieni ta' tkabbir tal-produttività, billi dawn jippermettu allokkazzjoni aktar effiċjenti tar-riżorsi. Ir-riformi ewlenin tal-ambjent tan-negozju, fl-enerġija, it-telekomunikazzjoni, it-trasport, is-servizzi kummerċjali u s-swieq tal-konsumaturi huma importanti biex ikun possibbli dan it-tkabbir tal-produttività. JISTIEDEN lill-Kummissjoni biex tissorvelja mill-qrib l-implimentazzjoni u l-infurzar tal-politika fl-oqsma msemmija hawn fuq, u tipprovdi rakkomandazzjonijiet lill-Istati Membri meta jkun rilevanti fi ħdan is-Semestru Ewropew.

11. JILQA' l-fatt li dan is-SAT jisħaq fuq l-importanza ta' tkabbir inklużiv. Tkabbir fil-pagi, li jirriżulta minn żieda fil-produttività, u sistemi ta' benefiċċji tat-taxxa ġusti u effiċjenti u aċċess kontinwu u mtejjeb għal servizzi ta' kura tas-saħħa, indukrar tat-tfal u kura fit-tul ta' kwalità huma meħtieġa għall-inklużività.
12. JISĦAQ li t-tixjiħ tal-popolazzjoni fl-Ewropa huwa sfida għas-sistemi tal-pensjonijiet, tal-kura tas-saħħa u tal-kura fit-tul. Ir-Rapport dwar it-Tixjiħ 2018 jenfasizza li t-tnaqqis mistenni fil-popolazzjoni fl-età tax-xogħol ser jaġixxi bħala piż fuq it-tkabbir fit-tul filwaqt li n-nefqa pubblika totali relatata mal-età hija pproġettata li tiżdied b'1.7 punti perċentwali tal-PDG bejn l-2016 u l-2070 fl-UE, biex imbagħad tilħaq is-26.6 % fl-2070, għalkemm b'differenzi kbar fost il-pajjiżi, u b'hekk jiġi enfazzzjat li l-iżgurar tas-sostenibbiltà fit-tul tal-finanzi pubbliċi huwa wkoll sfida ewlenija.

L-IŻGURAR TA' STABBILTÀ MAKROEKONOMIKA U FINANZI PUBBLIĊI SODI

13. JIKKONDIVIDI l-valutazzjoni tal-Kummissjoni li l-istabbiltà makroekonomika u finanzji pubbliċi sodi jibqgħu prekundizzjoni għal tkabbir sostenibbli u JFAKKAR fil-konklużjonijiet tal-Kunsill dwar ir-rapport dwar il-mekkaniżmu ta' twissija f'dan ir-rigward.
14. JILQA' l-fatt li għadd ta' Stati Membri naqqsu d-dejn pubbliku tagħhom u kisbu jew qabżu l-oġettiv baġitarju ta' terminu medju tagħhom. Madankollu, JAGĦRAF li bosta Stati Membri oħra aġġustaw ruħhom inqas u huma f'riskju ta' devjazzjoni sinifikanti mill-perkors ta' aġġustament lejn l-oġettivi ta' terminu medju rispettivi tagħhom. JISSOTTOLINJA li livelli għolja ta' dejn jibqgħu sors ta' vulnerabbiltà li jista' jwassal għal aktar spejjeż ta' finanzjament fl-ekonomija kollha u li jista' jillimita l-kapaċità tagħhom li jinvestu. IFAKKAR li l-koordinazzjoni tal-politiki fiskali nazzjonali bbażati fuq ir-regoli fiskali komuni hija essenzjali għall-funzjonament xieraq tal-Unjoni Ekonomika u Monetarja.

15. JAQBEL li t-tisħiħ tas-sostenibbiltà fiskali tal-Istati Membri teħtieġ politiki nazzjonali differenzjati b'rispett sħiħ tal-Patt ta' Stabbiltà u Tkabbir, b'kont meħud tal-ispazju fiskali u l-effetti konsegwenzjali fost il-pajjiżi. JIKKONDIVIDI l-valutazzjoni tal-Kummissjoni li l-Istati Membri, b'mod partikolari b'livelli għoljin ta' dejn pubbliku, jenħtieġ li jużaw il-kondizzjonijiet ekonomiċi attwali biex jibnu buffers u jnaqqsu d-dejn, filwaqt li jrawmu r-reżiljenza u l-potenzjal għat-tkabbir tal-ekonomiji tagħhom. JAQBEL LI b'dan titnaqqas ukoll il-vulnerabbiltà tagħhom għall-iskossi u jippermetti l-funzjonament sħiħ tal-istabbilizzaturi awtomatiċi f'każ ta' reċessjoni. JAQBEL li fi Stati Membri li qabżu l-OTM tagħhom, iż-żieda fl-investment pubbliku tappoġġa t-tkabbir u l-ibbilanċjar mill-ġdid, skont iċ-ċirkostanzi speċifiċi għall-pajjiżi.
16. JAQBEL li t-titjib tal-kwalità u l-kompożizzjoni tal-finanzi pubbliċi huwa importanti biex tiġi żgurata l-istabbiltà makroekonomika u element kruċjali tal-politika fiskali tal-Istati Membri. Fuq in-naħa tad-dħul, jenħtieġ li jiġu stabbiliti sistemi fiskali effiċjenti li jipprovdu inċentivi għall-investment u t-tkabbir. Jenħtieġu wkoll sforzi fuq in-naħa tan-nefqa, permezz ta' analiżijiet tan-nefqa u billi tiġi prijoritizzata n-nefqa li trawwem it-tkabbir fit-tul u l-ekwità.
17. JIKKONDIVIDI l-valutazzjoni tal-Kummissjoni li tgiebet ir-reżiljenza tas-settur finanzjarju fl-UE, iżda għandhom jitkomplew l-isforzi biex jitnaqqas is-self improduttiv u jissaħħu l-oqfsa superviżorji.
-